Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Istvan Gajdos (KI 55388A) ta' 68, Flat 3, Triq Sant'Alfonsu, Tas-Sliema, fil-11 ta' Mejju, 2026, Finance House plc (C58869) ta' Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida, tagħmillek referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnek numerati min-numru 16 san-numru 22, kopja ta' liema qed tiġi annessa ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali kellhom jitħallsu kull nhar il-5 tax-xahar u ċoè bejn l-5 ta' Ottubru, 2025 u l-5 ta' April, 2026, rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejt interpellat kemm-il darba, tinterpellak sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €1,430.52 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnek iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpannija mittenti tavżak illi jekk tonqos milli tottempra ruħek mas-su espost se tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini u l-effetti kollha tal-liġi, kun avżat illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżenta rikors sabiex topponi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tiegħek jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti, kontra tiegħek u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 9th July, 2026, in the records of the judicial letter number 1651/2026, in the names Finance House plc vs Istvan Gajdos, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Istvan Gajdos in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Istvan Gajdos (ID 55388A) of 68, Flat 3, Triq Sant'Alfonsu, Tas-Sliema, on the 11th May 2026, Finance House plc (C58869) of Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida, referred to the bills of exchange signed and accepted by you numbered 16 till 22, a copy of which is being attached with this judicial letter, and noted that these bills of exchange had to be paid every 5th day of the month and that is between the 5th October, 2025 and 5th April, 2026, respectively, and you remained in default although time has passed and although you were solicited several times, so it solicits you so that within two (2) days from the notification of this judicial letter you pay the interpellant company the total amount of €1,430.52 representing the value of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by you and you remained in default.

The interpellant company warns you that if you fail to abide with the above the company will proceed for the execution of the said bills of exchange in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all the effects and purposes of law, you are warned that in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right so that within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you file an application to oppose the execution of the said bill of exchange on the basis that the signature on the bill of exchange is not yours or for grave and valid reasons.

So much so may know how to proceed and regulate yourself.

With costs, including of this present against you and with legal interest from the date of expiry of the said bills of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the said bill of exchange executable in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2464

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2186/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Alessandra Salvagno, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Alessandra Salvagno (KI 272895A) ta' 360, Fl. 3, Triq D'Argens, Il-Gżira, Malta, fl-10 ta' Ġunju, 2025, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, Il-Furjana, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €10,482 kwantu għal €7,992 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2016, 2017, 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 u kwantu għal €2,490 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-avviż/talba għall-ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq ċitat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 1st September, 2025, given by the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 2186/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Alessandra Salvagno, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Alessandra Salvagno (ID 272895A) of 360, Fl. 3, Triq D'Argens, Gżira, Malta, on the 10th June, 2025, the Commissioner for Tax and Customs of Administration of Tax and Customs of Malta, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €10,482 as for €7,992 representing the tax from the income or provisional tax for the years of assessment 2016, 2017, 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 and 2023 and as for €2,490 as additional tax and interest according to the notice/demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

Because you failed to pay the amount due to the interpellant although a demand for payment was made (see the same Doc. A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount in the time given, he will proceed for the execution of his executive title given in terms of Article 40 of the Income Tax Management Act.

Pay the costs of this act

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2465

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' Lulju, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1435/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Carmelo Grixti, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmelo Grixti a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 23 ta' April, 2025

Lil Carmelo Grixti (KI 533661M) ta' 115, Fredmary, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali,

By means of a decree of the 14th July, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1435/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Carmelo Grixti the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmelo Grixti in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 23rd April, 2025

To Carmelo Grixti (ID 533661M) of 115, Fredmary, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq

Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €569.19, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000018461 ossija dwar il-fond bl-indirizz In Drive 25 Garage, Triq Tumas Galea, Birkirkara.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €569.19, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to Law regarding the utility bills with number 101000018461 regarding the premises with address In Drive 25 Garage, Triq Tumas Galea, Birkirkara.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2466

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 441/2026, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Muhammad Sazmy Muhammad Siddeek et, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Muhammad Sazmy Muhammad Siddeek a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Muhammad Sazmy Muhammad Siddeek (KI 0084230A) ta' 56, St Anthony Fl. 2, Triq il-Kappillan Mifsud, Il-Ħamrun, u Andrulla Hushvini Sazmy in solidum, fl-4 ta' Frar, 2026, United Acceptances Finance Limited (C360) ta' Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, tirreferi għal ħdax-il (11) kambjala minnkom debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma tħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati dokumenti 10 sa 20.

By means of a decree of the 9th June, 2026, in the records of the judicial letter number 441/2026, in the names United Acceptances Finance Limited vs Muhammad Sazmy Muhammad Siddeek et, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Muhammad Sazmy Muhammad Siddeek in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Muhammad Sazmy Muhammad Siddeek (ID 0084230A) of 56, St Anthony Fl. 2, Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun and Andrulla Hushvini Sazmy in solidum, on the 4th February 2026, United Acceptances Finance Limited (C360) of Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, refers to eleven (11) bills of exchange, duly signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked Documents 10 to 20.

Is-soċjetà mittenti qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' €5,302 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmakom illi se tipproċedi ulterjorment kontra tagħkom skont il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Intom avżati li għandkom id-dritt li topponu għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Notifika: Muhammad Sazmy Muhammad Siddeek (KI 0084230A) ta' 56, St Anthony Fl 2, Triq il-Kappillan Mifsud, Il-Ħamrun

Reġistru tal- Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €5,302 value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment, the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs

Notification: Muhammad Sazmy Muhammad Siddeek (ID 0084230A) of 56, St Anthony Fl 2, Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2467

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 447/2026, fl-ismijiet Argus Insurance Co. (Europe) Ltd et vs Citadel Insurance plc, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Peter Baranyi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 5 ta' Frar, 2026

Lil: Citadel Insurance plc (C21550), Casa Borgo, 26, Market Street, Il-Furjana

Josephine Vella (KI 0561957), 23, Triq il-Ballut, San Ġiljan

By means of a decree of the 31st August, 2026, of the Court of Magistrates, in the records of the judicial letter number 447/2026, in the names Argus Insurance Co. (Europe) Ltd et vs Citadel Insurance plc, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Peter Baranyi in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

This 5th February, 2026

To: Citadel Insurance plc (C21550), Casa Borgo, 26, Market Street, Floriana

Josephine Vella (ID 0561957), 23, Triq il-Ballut, St Julian's

Peter Baranyi (KI 432655A), p/h 3, Calleja Flats, Triq iċ-Ċief Għajnsielem, Għawdex

Permezz tal-preżenti ittra risponsiva, Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216) u Zinnu Company Limited (C50601), filwaqt li jagħmlu referenza għall-ittra uffiċjali tagħkom datata 28 ta' Jannar, 2026 (Ref. numru 271/2026), qabel xejn jitolbukom tikkjarifikaw il-pożizzjoni tas-Sinjura mittenti Josephine Vella, u dan għaliex is-Sinjura Vella ma tirriżultax bħala s-sid tal-vettura LNK 111 mir-rapport Etars COL-2024-5146 u s-survey report tan-numru CITSUR149048.

Mingħajr preġudizzju għas-su espost, jinfurmawkom li qed jirrespinġu l-pretensjonijiet tagħkom hekk kif dedotti fl-imsemmija ittra uffiċjali u dan stante illi l-inċident tat-3 ta' Mejju, 2024, ma seħħx b'tort tax-xufier Joseph Xeureb, li kien qed isuq il-vettura ZPY 222, iżda b'tort tax-xufier Peter Baranyi tal-vettura LNK 111, liema vettura hija assigurata magħkom Citadel Insurance plc, u dan minħabba traskuraġni, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku daparti tiegħu.

Inoltre, Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216) ta' Trident Park, Notabile Gardens, No. 8b, Level 5, Triq l-Imdina, Żona 2, Birkirkara CBD 2010, u Zinnu Company Limited (C50601) ta' 31, Żona industrijali ta' Ħal Farruġ, Ħal Luqa, li hija s-sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ZPY 222, jinterpellaw lilkom Citadel Insurance plc (C21550) u Peter Baranyi (KI 432655A) sabiex tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha kkawżati b'konsegwenza tal-inċident de quo. Fin-nuqqas li tagħmlu dan, kunu avżati li se jittieħdu proċeduri ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom, mingħajr preavviż ieħor.

Din l-ittra qed tintbagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u senjatament a tenur tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u sservi sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni, u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħrfu timxu

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Peter Baranyi (ID 432655A), p/h 3, Calleja Flats, Triq iċ-Ċief, Għajnsielem, Gozo

By the present reply letter Argus Insurance company (Europe) Limited (OC-1216) and Zinnu Company Limited (C50601), whilst making reference to your judicial letter dated 28th January, 2026 (Ref. number 271/2026), firstly they ask you to clarify the position of Ms Josephine Vella, as Ms Vella does not result as the owner of the vehicle LNK 111 from the report Etars COL-2024-5146 and the survey report number CITSUR149048.

Without prejudice to the above, they inform you that they are rejecting your claims as brought forward in the said judicial letter and this since the accident of the 3rd May 2024 did not occur due to the fault of the driver Joseph Xeureb, who was driving the vehicle ZPY 222, but due to the fault of the driver Peter Baranyi of the vehicle LNK 111, which vehicle is insured with you Citadel Insurance plc, and this due to carelessness, lack of skill, negligence and lack of observance of traffic regulations on his part.

Furthermore, Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216) of Trident Park, Notabile Gardens, No. 8b, Level 5, Triq l-Imdina, Zone 2, Birkirkara CBD 2010, and Zinnu company Limited (C50601) of 31, Ħal Farruġ Industrial Estate, Ħal Luqa, which is the owner of the vehicle with registration number ZPY 222, call upon you Citadel Insurance plc (C21550) and Peter Baranyi (ID 432655A) to come forward for the liquidation and payment of all damages caused as a consequence of the accident de quo. If you fail to do this, you are warned that further Court procedures will be taken against you, without further notice.

This letter is being sent for all intents and purposes of law, and especially in terms of the Motor Vehicle Insurance(Third-party Risks) Ordinance (Cap. 104 of the Laws of Malta) and serves to interrupt prescription, and is thus required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

So much so that you may know how to proceed

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2468

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Jannar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4118/2024, fl-ismijiet Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma vs Bartholomeo Micallef, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Bartholomeo Micallef (KI 685851M) ta' 30, Santa Marija, Triq Burgi, Is-Swieqi SWQ 1259, fl-20 ta' Diċembru, 2024, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma ta' Zentrum Business Centre, Level 1, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, għall-fini tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata Dokument A u jinterpellak sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem tħallas is-somma ta' €1,096.40 dovuta minnek bħala likwidazzjoni finali u konklussiva rappreżentanti ħlas ta' arretrati ta' drittijiet tal-liċenzja SP 667 mis-sena 2021 sas-sena 2024 – għas-swimming pool fil-fond 30, Santa Marija, Triq Burgi, Is-Swieqi SWQ 1259 u ta' penali għall-pagament tardiv rigward l-istess ai termini tal-Kap. 545 tal-liġijiet ta' Malta u tal-leġiżlazzjoni sussidarja 545.07.

Fin-nuqqas ta' ħlas jew ta' oppożizzjoni daparti tiegħek skont l-imsemmi artikolu 466, ir-Regolatur esponenti tgħaddi għal ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skont il-liġi.

Bl-ispejjeż ta' dan l-Att

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 26th January, 2025 delivered by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 4118/2024 in the names Regulator for Energy and Water Services vs Bartholomeo Micallef, it was ordered that the following publication serves as service on the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Bartholomeo Micallef (ID 685851M) of 30, Santa Marija, Triq Burgi, Swieqi, SWQ 1259, on the 20th December 2024, Regulator for Energy and Water Services of Zentrum Business Centre, Level 1, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, for the purposes of article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A and calls upon you so that within ten (10) days you pay the sum of €1,096.40, which amount is due by you as a final and conclusive liquidation for payment of arrears for license rights bearing reference SP 667 from the year 2021 till the year 2024 – for the swimming pool in the premises 30, Santa Marija, Triq Burgi, Swieqi SWQ 1259, and for penalties of late payment regarding the same in terms of Cap. 244 of the Laws of Malta and of the subsidiary legislation 545.07.

In default of payment or opposition on your part according to the aforementioned article 466, the applicant Regulator will proceed to issue executive warrants against you according to law.

With costs of this act

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2469

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Settembru, 2026, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2895/2026, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Jean Paul Mifsud pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jean Paul Mifsud a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 18 ta' Ġunju, 2026

By means of a decree of the 4th September, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 2895/2026, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Jean Paul Mifsud pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondent Jean Paul Mifsud was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 18th June, 2026

Lil Jean Paul Mifsud (KI 0275574M) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Green Mind Limited (C55763) illum imħassra mir-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €104,829.28 rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Notifika: Jean Paul Mifsud, 72, Triq Sant'Orsola, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

To Jean Paul Mifsud (ID 0275574M) in your own name and also as director for and on behalf of the company Green Mind Limited (C55763) today struck off by the Registrar of Companies.

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Cap. 406 of the Laws of Malta, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €104,829.28 representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax.

With costs and interest according to Cap. 406 the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Notification: Jean Paul Mifsud, 72, Triq Sant'Orsola, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2470

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Settembru, 2026, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1382/2026, fl-ismijiet Citadel Insurance plc vs Kenneth Mifsud, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Kenneth Mifsud a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 25 ta' Marzu, 2026

Lil Kenneth Mifsud (KI 046987M) ta' Balmoral Downs, Blokk B, Flat 1, Triq il-Brunzar, Santa Venera

By means of a decree of the 3rd September, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 1382/2026, in the names Citadel Insurance plc vs Kenneth Mifsud, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Kenneth Mifsud in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 25th March, 2026

To Kenneth Mifsud (ID 046987M) of Balmoral Downs, Block B, Flat 1, Triq il-Brunzar, Santa Venera

Permezz tal-preżenti Citadel Insurance plc (C21550) ta' 26, Casa Borgo, Market Street, Il-Furjana FRN 1082, tagħmel referenza għall-inċident awtomobilisitiku li seħħ fis-27 ta'April, 2019, fi Triq D'Argens, il-Gżira li fih kienu involuti seba' vetturi inkluż il-vettura tiegħek ta' għamla Peugeot 107 bin-numru ta' reġistrazzjoni KEN-107 li dakinhar tal-imsemmi inċident kienet qed tiġi misjuqa minnek Kenneth Mifsud.

Illi bil-preżenti għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi inti qed tiġi mfakkar li l-inċident de quo mhuwiex kopert bil-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mill-mittenti fir-rigward tal-vettura KEN-107 u dan in vista tan-nuqqas ta' koperazzjoni u proviżjoni ta' informazzjoni rilevanti u materjali, sabiex il-mittenti tikseb it-tagħrif kollu meħtieġ għall-ipproċessar tal-claim relattiva rilevanti għall-istess inċident u għalhekk int aġixxejt bi ksur tal-obbliġi skont l-istess polza ta' assigurazzjoni.

Illi sussegwentemnt għall-imsemmi inċident infetħet kawża fl-ismijiet Neagoe Denisa Mirabela vs Citadel Insurance plc (303/2021RM) kif ukoll żewġ proċeduri arbitrali fl-ismijiet Mapfre Middlesea plc vs Kenneth Mifsud et (ARB M 6202/2021) u Mapfre Middlesea plc et vs Kenneth Mifsud et (ARB M6318/2021) rispettivament. Illi f'każ li s-soċjetà mittenti qua assiguratur tiegħek, tiġi obbligata li taffettwa xi pagamenti għan-nom tiegħek hija qed tirriżerva l-pożizzjoni tagħha fil-konfront tiegħek skont il-liġi u dan għall-irkupru tal-ammonti kollha hekk minnha żborżati inkonnessjoni ma' dan l-inċident, inkluż is-sorte, spejjeż ġudizzjarji u mgħaxijiet.

Għaldaqstant, ikun fl-aħjar interess tiegħek li titkellem ma' avukat tal-fiduċja tiegħek sabiex tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mat-terzi.

Din l-ittra qiegħda ssir għall-fini u effetti kollha tal-liġi u senjatament iżda mhux limitatament għall-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present Citadel Insurance plc (C21550) of 26, Casa Borgo, Market Street, Floriana FRN 1082, make reference to the automotive incident which occurred on the 27th April, 2019, in Triq D'Argens, Gżira, in which seven vehicles were involved including your vehicle of make Peugeot 107 with registration number KEN-107 which on the day of the said incident was being driven by you Kenneth Mifsud.

That presently for all intents and purposes of law you are being reminded that the incident de quo is not covered by the insurance policy issued by the interpellant regarding vehicle KEN-107 and this in view of the lack of cooperation and provision of relevant and material information, so that the interpellant obtains all the information necessary for the processing of the relative claim relevant to the same incident and thus you acted in violation of the obligations according to the same policy of 'Insurance.

That following the said incident a cause was filed in the names Neagoe Denisa Mirabela vs Citadel Insurance plc (303/2021RM) as well as two arbitral proceedings in the names Mapfre Middlesea plc vs Kenneth Mifsud et (ARB M 6202/2021) and Mapfre Middlesea plc et vs Kenneth Mifsud et (ARB M6318/2021) respectively. That in case the interpellant company as your insurer, is obliged to effect any payments on your behalf it is reserving its position against you according to law and this for the recovery of all the amounts thus disbursed by it in connection with this incident, including the capital, judicial expenses and interest.

Therefore, it would be in your best interest to speak to a lawyer of your faith to make the necessary arrangements with third parties.

This letter is being made for all intents and purposes of law and especially but not limitedly to Cap. 104 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

Registry of the Superior Courts, today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-Ittra Uffiċjali numru 5830/2024, fl-ismijiet John Bonaci et noe vs Ian Zammit, ordnat s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Ian Zammit a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 20 ta' Diċembru, 2024

Lil Ian Zammit, detentur tal-karta tal-identità numru 5387M, bl-indirizz, 5, Flat 3, Triq l-Ixprun, Il-Belt Valletta

Bil-preżenti ittra uffiċjali il-kumitat Partit Laburista Belt Valletta rappreżentat minn John Bonaci detentur tal-karta tal-identità numru 504962M u Doreen Sciberras detentriċi tal-karta tal-identità numru 433370M u Daniel Diacono detentur tal-karta tal-identità 327784M fil-kapaċità tagħhom ta' rresident, segretarju u teżorier tal-Kumitat Laburista Belt Valletta rispettivament u bi qbil mal-Amministrazzjoni ċentrali tal-Partit Laburista rappreżentat minn Dott. Alex Sciberras detentur tal-karta tal-identità numru 368582M u Catherine Fenech detentriċi tal-karta tal-identità numru 312477M fil-kapaċita tagħhom ta' President u Segretarja Eżekuttiv tal-Partit Laburista li fl-ewwel lok jagħmlu riferenza għall-kirja tal-bar tal-każin tal-Partit Laburista fl-indirizz Dar Dom Mintoff, 41/2, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT 1113;

Illi għal dawn l-aħħar xhur ossija bejn Lulju 2024 u Diċembru 2024 inti inqast milli tħallas il-kera u kif ukoll inqast milli tħallas l-ispejjeż ta' dawl u ilma, in linea l-kuntratt ta' kera ffirmat minnek stess u dan minbarra li qed tonqos milli tiftaħ l-istess ħanut kif inti obbligat tagħmel skont il-kuntratt;

Illi di più l-mittenti kienu infurmawk illi inti għandek tagħlaq il-bieb li ftaħt b'mod abbużiv u mingħajr il-permessi meħtieġa kemm tal-Awtorità tal-Ippjanar u wisq inqas ta' sid il-kera. Madankollu, minkejja li għaddew ħafna xhur minn meta kienu formalment intimawk, inti sal-lum għadek tippersisti b'dan l-aġir;

Illi skont klawsola numru tmienja (8) taħt is-sezzjoni 'Affarijiet oħra' fl-istess kuntratt datat 2 ta' Marzu, 2019, 'Jekk il-barman jikser waħda min dawn il-klawsoli ta' dan il-kuntratt, għandha tintbagħat ittra fil-konfront tiegħu, wara jista' jeħel multa jew terminazzjoni ta' dan l-istess kuntratt';

By means of a decree of the 5th August, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of the Judicial letter number 5830/2024, in the names John Bonaci et noe vs Ian Zammit, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Ian Zammit in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 20th December, 2024

To Ian Zammit, holder of identity card number 5387M, with address, 5, Flat 3, Triq l-Ixprun, Valletta

By the present judicial letter the committee of the Labour Party Valletta represented by John Bonaci holder of identity card number 504962M and Doreen Sciberras holder of identity card number 433370M and Daniel Diacono holder of identity card number 327784M in their respective capacities as president, secretary and treasurer of the committee of the Labour Party Valletta, in agreement with the Central Administration of the Labour Party represented by Dr Alex Sciberras holder of identity card number 368582M and Catherine Fenech holder of identity card number 312477M in their capacity as President and Executive Secretary of the Labour Party firstly make reference to the lease of the bar of the Labour Party Club at address Dar Dom Mintoff 41/2, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1113;

That for these last months or rather between July 2024 and December 2024 you failed to pay the rent and also failed to pay the costs of water and electricity, in accordance with the lease agreement signed by you and this besides that you are failing to open the same shop as you are obliged to do according to the contract;

Furthermore, the interpellants had informed you that you have to close the door which door you opened abusively and without the necessary permits both of the planning authority and less so, of the landlord. However, despite the fact that many months have passed since they formally warned you, to date you still persist in this behaviour;

According to clause number eight (8) under the section 'Other affairs' in the same contract dated 2nd March, 2019, "If the barman violates one of these clauses of this contract, a letter is to be sent to him, after which he may be fined or this same contract may be terminated';

Illi l-mittenti qegħdin ukoll iżommuk responsabbli għal ħsarat ikkaġunati sal-lum jew għal kull ħsara oħra li tista' tiġi kkawżata u qegħdin minn issa jidiffiduk milli tmiss proprjetà tal-Kumitat Partit Laburista Belt Valletta.

Għaldaqstant, permezz tal-ittra uffiċjali odjerna, il-mittenti qegħdin jinterpellawk sabiex sa mhux aktar minn ġimgħa min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, tersaq 'il quddiem u tħallas dak dovut minnek f'kirjiet u f'kontijiet tad-dawl u ilma filwaqt illi tivvaka l-fond imsemmi fl-indirizz Dar Dom Mintoff, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta.

Inti mitlub ukoll tirripristina l-fond fl-istess li inti sibtu u ċoè li tagħlaq kwalunkwe bieb li inti ftaħt għal proprjetà ta' terzi.

F'każ li inti tibqa' inadempjenti u tonqos milli tagħmel dan, il-mittenti ma jkollu ebda triq oħra għajr li jipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek bl-ispejjeż u bl-imgħaxx skont il-liġi, minn meta dawn l-ammonti saru dovuti.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellants are also holding you responsible for damages caused till this day or for any other damage that may be caused and are now soliciting you from tampering with property of the committee of the Labour Party in Valletta.

Thus, by means of the present judicial letter, the interpellants are soliciting you so that within not more than one week from the service of this judicial letter you come forward and pay what is due by you in rent and in water and electricity bills whilst vacating the premises mentioned at the address Dar Dom Mintoff, Triq ir-Repubblika, Valletta.

You are also asked to restore the premises to the same state in which you found it and namely to close any door that you opened to third party property.

In case you remain in default and fail to do so, the interpellant will have no alternative but to proceed against you according to law without any other prior notice.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself with costs and interest according to law, from when these amounts became due.

Registry of the Superior Courts, today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2472

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Lulju, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1895/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs John Mary Vella, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat John Mary Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 19 ta' Mejju, 2025

Lil John Mary Vella (KI 615558M) ta' 53, Triq Carmelo Schembri, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed

By means of a decree of the 23rd July, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1895/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs John Mary Vella the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent John Mary Vella in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 19th May, 2025

To John Mary Vella (ID 615558M) of 53, Triq Carmelo Schembri, Mosta

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation,

tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €8,544.27, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema Ammont jikkonsisti fis-segwenti:

i. Inkwantu l-kont numru 411000262340 l-ammont ta' €1,980.84 fil-fond bl-indirizz Flt 7, Morning Mist, Triq San Massimiljanu Kolbe, San Pawl il-Baħar, Il-Qawra; u

ii. Inkwantu l-kont numru 411000289515 l-ammont ta' €263.77 fil-fond bl-indirizz 9, Dalli Yard, Triq Ħal Tarxien, Il-Gudja; u

iii. Inkwantu l-kont numru 101000001052 l-ammont ta' €263.77 fil-fond bl-indirizz 78, Triq il-Falkunier, Iż-Żejtun; u

iv. Inkwantu l-kont numru 101000105844 l-ammont ta' €3,973.87 fil-fond bl-indirizz Shop 1, Morning Mist, Triq San Massimiljanu Kolbe, San Pawl il-Baħar, Il-Qawra; u

v. Inkwantu l-kont numru 101000176158 l-ammont ta' €652.69 fil-fond bl-indirizz Redeemer, Triq Carmelo Schembri, Il-Mosta.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €8,544.27, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount and which amount consists of the following:

i. As for bill number 411000262340 the amount of €1,980.84 regarding the premises with address Flt 7, Morning Mist, Triq San Massimiljanu Kolbe, St Paul's Bay, Qawra; and

ii. As for bill number 411000289515 the amount of €263.77 regarding the premises with address 9, Dalli Yard, Triq Ħal Tarxien, Gudja; and

iii. As for bill number 101000001052 the amount of €263.77 regarding the premises with address 78, Triq il-Falkunier, Żejtun; and

iv. As for bill number 101000105844 the amount of €3,973.87 regarding the premises with address Shop 1, Morning Mist, Triq San Massimiljanu Kolbe, St Paul's Bay, Qawra; and

v. As for bill number 101000176158 the amount of €652.69 regarding the premises with address Redeemer, Triq Carmelo Schembri, Mosta.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 18th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals